ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 296

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

**Volum 52**

**5 ta' Diċembru 2009**

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Kunsill**

2009/C 296/01 Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-iskambju tar-riżultati tal-analiżi tad-DNA 1

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Kunsill**

2009/C 296/02 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar ambjenti bla tipjip .................. 4

MT

**Prezz:**
**3 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 296/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5691 – Mubadala/Veolia Eau/Azaliya) [1] ..... 15

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 296/04 Rata tal-kambju tal-euro ..... 16

2009/C 296/05 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ftehimiet ristrettivi u pożizzjoni dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Settembru 2009 rigward abbozz ta deċiżjoni dwar il-Każ COMP/C.39129 – Transformers tal-Elettriku (1) – Rapporteur: Il-Lussemburgu ..... 17

2009/C 296/06 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ftehimiet ristrettivi u pożizzjoni dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ottubru 2009 rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar Il-Każ COMP/C.39129 Transformers tal-Elettriku (2) – Rapporteur: Il-Lussemburgu ..... 18

2009/C 296/07 Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta Każ COMP/39.129 – Trasformers tal-Elettriku *(Skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA tat- 23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni – ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)* ..... 19

2009/C 296/08 Taqsira tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2009 Dwar proċediment skont l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/39.129 – Transformers tal-Elettriku) *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7601)* [1] ..... 21

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-30 ta' Novembru 2009

## dwar l-iskambju tar-riżultati tal-analiżi tad-DNA

(2009/C 296/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fl-objettivi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

B'KONT MEĦUD tal-protezzjoni tad-data personali kif irregolata mid-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI, dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali [1] u l-Konvenzjoni Nru 108 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar awtomatiku ta' data personali, iffirmata fi Strasburgu fit-28 ta' Jannar 1981, ir-Rakkomandazzjoni Nru R (87)15 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tas-17 ta' Settembru 1987 li jirregola l-użu ta' data personali fis-settur tal-pulizija, u, kif adatt, ir-Rakkomandazzjoni Nru R (92)1 tal-10 ta' Frar 1992 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-użu tal-analiżi tad-DNA fil-qafas tas-sistema tal-ġustizzja kriminali;

B'KONT MEĦUD tax-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-DNA tan-Netwerk Ewropew tal-Istituti tax-Xjenza Forensika (ENFSI) dwar l-armonizzazzjoni tal-indikaturi tad-DNA u t-teknoloġija fil-qasam tad-DNA;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-eżistenza ta' aspetti tekniċi assoċjati mal-investigazzjoni bl-użu tad-DNA li għandhom jitqiesu meta jiġu żviluppati attivitajiet ta' kooperazzjoni;

B'KONT MEĦUD li s-Sett Standard Ewropew ta' indikaturi tad-DNA attwali jikkonsisti minn seba' indikaturi tad-DNA;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li l-iskambju ta' data tad-DNA bejn l-Istati Membri qiegħed javvanza rapidament u li l-bażijiet ta' data nazzjonali tad-DNA qed jikbru fid-daqs u n-numru, u filwaqt li jfakkar li l-valur statistiku tad-data tad-DNA jikkorrispondi għall-probabbiltà ta' tqabbil każwali u jiddependi kompletament fuq in-numru ta' indikaturi tad-DNA li jkunu ġew analizzati b'mod li wieħed jista' joqgħod fuqhom, huwa kkunsidrat neċessarju li sett ta' loċi standard Ewropew adottat fl-2001 jitkabbar;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Artikolu 7 (1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali [2], li jobbliga lill-Istati Membri jużaw standards eżistenti għal skambju ta' data dwar id-DNA, bħas-Sett Standard Ewropew (ESS) jew is-Sett ta' Loċi Standard tal-Interpol (ISSOL) mid-data tal-implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23.

FILWAQT LI JFAKKAR fil-kwalitajiet tal-profili tad-DNA kif imniżżlin fil-paragrafu 1.1 tal-Kapitolu 1 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI;

KONVINT li skambju effettiv tal-informazzjoni huwa ffaċilitat permezz taż-żieda fin-numru ta' indikaturi;

FILWAQT LI JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jimplimentaw mill-aktar fis prattikament possibbli l-ESS il-ġdid u mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data ta' adozzjoni ta' din ir-Riżoluzzjoni.

ADOTTA DIN IR-RIŻOLUZZJONI LI TISSOSTITWIXXI R-RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL 2001/C 187/01 TAL-25 TA' ĠUNJU 2001 DWAR L-ISKAMBJU TAR-RIŻULTATI TAL-ANALIŻI TAD-DNA

### I. DEFINIZZJONIJIET

1. "Indikatur tad-DNA" tfisser il-lokus f'mollekula li tipikament ikun fih informazzjoni differenti fir-rigward ta' individwi differenti;

[1] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

[2] ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12.

2. "Riżultat tal-analiżi tad-DNA" tfisser kodiċi b'ittri jew numri komposta abbażi tal-analiżi ta' lokus wieħed jew diversi loċi fid-DNA u li tintuża għal rapportar. Pereżempju, ir-riżultat tal-analiżi tad-DNA D3S1358 14-15, D21S11 28-30 tfisser li s-suġġett huwa tat-tip 14-15 fir-rigward tal-indikatur tad-DNA D3S1358 u tat-tip 28-30 fir-rigward tal-indikatur tad-DNA D21S11;

3. "Sett Standard Ewropew (ESS)" tfisser is-sett tal-indikaturi tad-DNA elenkat fl-Anness 1;

4. "Indikatur tal-ESS" tfisser indikatur tad-DNA li huwa parti mis-Sett Standard Ewropew (ESS); u

5. "Riżultat tal-analiżi tal-ESS" tfisser riżultat tal-analiżi tad-DNA kompost bl-użu tal-indikaturi tad-DNA msemmijin hawn fuq li huma parti mill-ESS.

## II. TEKNOLOĠIJA FORENSIKA TAD-DNA

1. Fl-analiżi forensika tad-DNA, l-Istati Membri huma mistiedna jużaw bħala minimu l-indikaturi tad-DNA elenkati fl-Anness 1 li jifformaw l-ESS, sabiex jiġi faċilitat skambju tar-riżultati tal-analiżi tad-DNA. Fejn tkun disponibbli informazzjoni minn loċi addizzjonali, l-Istati Membri huma mħeġġa jipprovduha meta jiskambjaw id-data tad-DNA.

2. L-Istati Membri huma mistiedna jikkompilaw riżultati tal-analiżi tal-ESS skont teknoloġija tad-DNA ttestjata u approvata xjentifikament abbażi ta' studji mwettqa fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-DNA tan-Netwerk Ewropew tal-Istituti tax-Xjenza Forensika (ENFSI). Jekk issir talba għal dan l-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jispeċifikaw ir-rekwiżiti ta' kwalità u t-testijiet ta' profiċjenza li jintużaw.

## III. SKAMBJU TAR-RIŻULTATI TAL-ANALIŻI TAD-DNA

1. Meta jiskambjaw ir-riżultati tal-analiżi tad-DNA, l-Istati Membri huma mħeġġa jillimitaw ir-riżultati tal-analiżi tad-DNA għal żoni ta' kromożomi li ma fihom ebda espressjoni ġenetika, jiġifieri li mhumiex magħrufa li jipprovdu informazzjoni dwar karatteristiċi ereditarji speċifiċi.

2. L-indikaturi tad-DNA fl-Anness 1 mhumiex magħrufa li fihom informazzjoni dwar karatteristiċi ereditarji speċifiċi. Jekk ix-xjenza tiżviluppa b'mod li jista' jiġi ddeterminat li xi indikatur tad-DNA rrakkomandat f'din ir-Riżoluzzjoni jipprovdi informazzjoni dwar karatteristiċi ereditarji speċifiċi, hu konsiljabbli li l-Istati Membri ma jibqgħux jużaw dak l-indikatur meta jiskambjaw riżultati dwar l-analiżi tad-DNA. L-Istati Membri huma mogħtija parir ukoll biex ikunu lesti jħassru kwalunkwe riżultat tal-analiżi tad-DNA, li jistgħu jkunu rċevew, jekk dak ir-riżultat tal-analiżi tad-DNA jirriżulta li jkun fih informazzjoni dwar karatteristiċi ereditarji speċifiċi.

*ANNESS*

Is-Sett Ewropew Standard (ESS) fih l-indikaturi tad-DNA li ġejjin:

D3S1358

VWA

D8S1179

D21S11

D18S51

HUMTH01

FGA

D1S1656

D2S441

D10S1248

D12S391

D22S1045

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**dwar ambjenti bla tipjip**

(2009/C 296/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 152(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

Billi:

(1) L-Artikolu 152 tat-Trattat jistipula li l-azzjoni Komunitarja, li għandha tikkomplementa l-linji politiċi nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni tal-mard tal-bniedem, u għandha tevita sorsi ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem.

(2) Skont l-Artikolu 137 tat-Trattat, il-Komunità għandha tappoġġja u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri, fost l-oħrajn, fil-qasam tat-titjib tal-ambjent tax-xogħol b'mod partikolari biex tkun protetta s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

(3) L-espożizzjoni għad-duħħan ambjentali tat-tabakk (ETS – environmental tobacco smoke) – imsejjaħ ukoll bħala duħħan passiv tat-tabakk – huwa sors mifrux tal-mortalità, il-mard u d-diżabilità fl-Unjoni Ewropea.

(4) Skont estimi konservattivi, 7 300 adult inklużi 2 800 persuna li ma jpejpux mietu bħala konsegwenza tal-espożizzjoni għall-ETS fil-post tax-xogħol tagħhom fl-Unjoni Ewropea fl-2002. Il-mewt ta' 72 000 adult ieħor, inklużi 16 400 persuna li ma jpejpux, kienu konnessi mal-espożizzjoni għall-ETS fid-dar.

(5) L-espożizzjoni għad-duħħan passiv tat-tabakk huwa b'mod partikolari perikoluż għat-tfal u għall-adoloxxenti u jista' jżid il-probabbiltà li dawn jibdew ipejpu.

(6) L-ETS ġie kklassifikat bħala karċinoġenu magħruf għall-bniedem mill-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer tal-Oganizzazzjoni Dinjia tas-Saħħa (WHO) u bħala karċinoġenu fil-post tax-xogħol mill-Finlandja u l-Ġermanja.

(7) Kull persuna għandha d-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u għandha tkun protetta mill-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk.

(8) Il-linji politiċi volontarji fil-livell nazzjonali ma kienu ta' ebda effett fit-tnaqqis tal-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk. Il-leġislazzjoni vinkolanti tal-Istati Membri, infurzata u mmonitorata b'mod korrett hija mezz effettiv biex il-persuni jiġu protetti b'mod adegwat mir-riskji għas-saħħa minħabba d-duħħan passiv tat-tabakk.

(9) Il-leġislazzjoni għal ambjent bla tipjip hija l-aktar effettiva meta tkun appoġġata minn miżuri bħal- kampanji ta' sensibilizzazzjoni, l-appoġġ għal waqfien tal-użu tat-tabakk, l-avviżi qawwija tas-saħħa fuq l-ippakkettar tal-prodotti tat-tabakk u regolamentazzjoni oħra dwar prodotti tat-tabakk.

(10) Is-soċjetà ċivili għandha rwol importanti biex tibni appoġġ u tiżgura kompatibbiltà mal-leġislazzjoni għal ambjent bla tipjip.

[1] Riżoluzzjoni mgħoddija wara konsultazzjoni mhux obbligatorja (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] Opinjoni tal-5 ta' Novembru 2009 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(11) Il-linji politiċi għal ambjent bla tipjip għandhom ikollhom strumenti adegwati biex jiġi implimentat l-approċċ multisettorjali għall-kontroll tat-tabakk.

(12) Hemm ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika u tiġi żviluppata sistema ta' sorveljanza standardizzata tal-UE.

(13) Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tal-Ministri tas-Saħħa tal-Istati Membri, fil-laqgħa tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 1989 dwar il-projbizzjoni tat-tipjip f'positjiet aċċessibbli għall-pubbliku ([3]) stiednet lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri biex jipprojbixxu t-tipjip f'ċerti postijiet magħluqa aċċessibbli għall-pubbliku, u jestendu l-projbizzjoni fuq it-tipjip għal kull forma ta' trasport pubbliku.

(14) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/54/KE tat-2 ta' Diċembru 2002 dwar il-prevenzjoni tat-tipjip u l-inizjattivi għat-titjib tal-kontroll tat-tabakk ([4]) irrakkomandat lill-Istati Membri biex jimplimentaw leġislazzjoni u/jew miżuri effettivi li jipprovdu protezzjoni mill-espożizzjoni għall-ETS fil-postijiet tax-xogħol interni, fil-postijiet pubbliċi magħluqa, u t-trasport pubbliku.

(15) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta'Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol ([5]), filwaqt li ma rreferietx b'mod espliċitu għad-duħħan tat-tabakk, tkopri r-riskji kollha għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema ([6]).

(16) Fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha għall-Ambjent u s-Saħħa (2004-2010) ([7]), il-Kummissjoni ħadet l-impenn biex "tiżviluppa x-xogħol fit-titjib tal-kwalità tal-arja f'postijiet fuq ġewwa", b'mod partikolari billi "tinkoraġġixxi r-restrizzjoni tat-tipjip fil-postijiet tax-xogħol kollha billi tesplora l-mekkaniżmi legali kif ukoll l-inizjattivi tal-promozzjoni tas-saħħa fuq il-livell Ewropew u dak tal-Istati Membri."

(17) Il-konsultazzjoni mibdija mill-Green Paper tal-Kummissjoni "Lejn Ewropa ħielsa mid-duħħan tat-tabakk: l-għażliet tal-politika fuq il-livell tal-UE" ([8]) ("il-Green Paper") żvelat appoġġ qawwi kemm għal-linji politiċi komprensivi għal ambjent bla tipjip fil-postijiet tax-xogħol u postijiet pubbliċi kollha magħluqa u għal aktar azzjoni mill-UE biex jiġu promossi ambjenti bla tipjip fl-Istati Membri kollha.

([3]) ĠU C 189, 26.7.1989, p. 1.
([4]) ĠU L 22, 25.1.2003, p. 31.
([5]) ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.
([6]) Każ C-49/00 Kummissjoni v. Italja, [2001] ECRI-8575, paragrafi 12 sa 13.
([7]) COM(2004) 416 finali.
([8]) COM(2007) 27 finali.

(18) Fit-30 u l-31 ta' Mejju 2007, il-Kunsill għall-Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur kellu skambju ta' fehmiet dwar għażliet ta' politika fil-livell tal-UE dwar ambjenti bla tipjip. Huwa laqa' l-Green Paper u enfasizza l-ħtieġa għal gwida Komunitarja għall-promozzjoni ulterjuri ta' ambjenti bla tipjip fil-livell tal-UE, kif ukoll appoġġ Komunitarju għal u l-koordinazzjoni tal-miżuri nazzjonali.

(19) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-Green Paper appellat lill-Istati Membri biex jintroduċu liġijiet komprensivi għal ambjent bla tipjip fi żmien sentejn u stiednet lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta leġislattiva rilevanti sal-2011 fil-każ ta' progress mhux sodisfaċenti. Hija appellat ukoll lill-Kummissjoni biex tipproponi emenda għall-qafas leġislattiv attwali sabiex l-ETS ikun ikklassifikat bħala karċinoġeniku u tobbliga lil dawk li jimpjegaw biex jiżguraw li l-ambjent tax-xogħol ikun bla tipjip.

(20) L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Qafas għall-Kontroll tat-Tabakk (FCTC – Framework Convention on Tobacco Control) tad-WHO, iffirmata f'Ġunju 2003 mill-membri kollha tad-WHO, u sa issa ratifikata minn 167 Parti, inklużi l-Komunità u s-26 Stat Membru tagħha, toħloq obbligu legali għall-Partijiet tagħha biex jadottaw u jimplimentaw f'oqsma ta' ġurisdizzjoni nazzjonali eżistenti kif determinat mil-liġi nazzjonali u biex fil-livelli ġuridiki oħrajn jippromwovu attivament l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi biex jipproteġu l-persuni mill-espożizzjoni għad-duħħan passiv tat-tabakk fil-positjiet kollha tax-xogħol interni, t-trasport pubbliku u l-postijiet pubbliċi interni u kif adatt, f'postijiet pubbliċi oħra.

(21) It-Tieni Konferenza tal-Partijiet għall-FCTC f'Lulju 2007 adottat linji gwida dwar il-protezzjoni mill-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk ([9]) biex jassistu lill-Partijiet josservaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Kull Parti għandha tistinka biex timplimenta l-linji gwida fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għal dik il-Parti.

(22) L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO joħloq obbligu legali għall-Partijiet tagħha biex jiżviluppaw u jxerrdu linji gwida adatti, komprensivi u integrati bbażati fuq evidenza xjentifika u l-aħjar prattiki u biex jieħdu miżuri effettivi għall-promozzjoni tal-waqfien tal-użu tat-tabakk u t-trattament adegwat għad-dipendenza mit-tabakk. It-Tielet Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO ddeċidiet li tistabbilixxi grupp ta' ħidma għall-elaborazzjoni tal-linji gwida għall-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu.

([9]) FCTC/COP2(7) Linji gwida dwar il-protezzjoni mill-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk, kif elaborati mill-grupp ta' ħidma konvenut skont id-Deċiżjoni FCTC/COP1(15) tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Qafas tal-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk.

(23) L-Istrateġija Ewropea għall-Kontroll tat-Tabakk adottata mill-Kumitat Reġjonali għall-Ewropa tad-WHO f'Settembru 2002 irrakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw id-dritt taċ-ċittadini għal ambjent bla tabakk billi, fost l-oħrajn, l-ispazji pubbliċi, il-postijiet tax-xogħol u l-mezzi tat-trasport pubbliku jsiru ħielsa mit-tabakk, permezz tal-projbizzjoni tat-tipjip fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha għall-minuri, fil-postijiet kollha fejn jingħataw servizzi tas-saħħa u f'avvenimenti pubbliċi, kif ukoll billi l-ETS ikun ikklassifikat bħal karċinoġeniku.

(24) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni Komunitarja li tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol adottata skont l-Artikolu 137 tat-Trattat, għad-Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk [10] u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/641/KE tal-5 ta' Settembru 2003 dwar l-użu tar-ritratti bil-kulur jew illustrazzjonijiet oħrajn bħala avviżi tas-saħħa fuq il-prodotti tat-tabakk [11],

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

1. Jipprovdu protezzjoni effettiva mill-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk f'postijiet tax-xogħol interni, it-trasport pubbliku u, kif adatt f'postijiet pubbliċi oħrajn kif stipulat mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC) u skont il-linji gwida annessi dwar il-protezzjoni mill-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk adottati mit-tieni Konferenza tal-Partijiet għall-FCTC, fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tal-FCTC għal dak l-Istat Membru, jew mhux aktar tard minn tliet snin wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

2. Jiżviluppaw u/jew isaħħu l-istrateġiji u l-miżuri biex titnaqqas l-espożizzjoni tat-tfal u l-adolexxenti għad-duħħan passiv tat-tabakk;

3. Jikkomplimentaw il-linji politiċi għal ambjent bla tipjip b'miżuri ta' appoġġ , li jistgħu jinkludu:

(a) it-teħid ta' miżuri effettivi għall-promozzjoni tal-waqfien mill-użu tat-tabakk u trattament adegwat għad-dipendenza mit-tabakk, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi u l-prijoritajiet nazzjonali kif iddelinejat fl-Artikolu 14 tal-FCTC; u

(b) l-introduzzjoni ta' avviżi kombinati, kif definit fl-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/641/KE tal-5 ta' Settembru 2003 dwar l-użu tar-ritratti bil-kulur jew illustrazzjonijiet oħrajn bħala avviżi tas-saħħa fuq l-ippakkettjar tat-tabakk [12], u informazzjoni dwar servizzi li jappoġġjaw il-waqfien mill-użu tat-tabakk fuq il-pakketti tat-tabakk tat-tipjip biex il-konsumaturi jkunu infurmati aħjar dwar ir-riskji tas-saħħa marbuta mal-użu tat-tabakk u l-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk, jiġi nkoraġġut il-waqfien u jiġi skoraġġut il-bidu tal-użu tat-tabakk;

4. Jiżviluppaw, jimplimentaw, jaġġornaw u jirrevedu perjodikament strateġiji komprensivi multisettorjali għall-kontroll tat-tabakk, pjani jew programmi li jindirizzaw, fost oħrajn, il-kwistjoni tal-protezzjoni mid-duħħan tat-tabakk fil-postijiet kollha aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali jew postijiet ta' użu kollettiv, irrispettivament mill-appartenenza jew id-dritt ta' aċċess;

5. Jipprovdu strumenti adegwati biex jiġu implimentati strateġiji nazzjonali, linji politiċi ta' kontroll tat-tabakk u programmi biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva mill-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk;

6. Jikkomunikaw lill-Kummissjoni, jekk possibbli fi żmien sitt xhur wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-punti nazzjonali fokali għall-kontroll tat-tabakk bil-ħsieb tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki kif ukoll il-koordinazzjoni ta' linji politiċi ma' Stati Membri oħra.

7. Jikkooperaw mill-qrib bejniethom u mal-Kummissjoni dwar qafas koerenti tad-definizzjonijiet, il-punti ta' referenza u l-indikaturi għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni;

8. Jissorveljaw u jevalwaw l-effettività tal-miżuri ta' poltika bl-użu tal-indikaturi msemmija hawn fuq;

9. Jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-azzjoni leġislattiva u azzjoni oħra meħuda b'rispons għal din ir-Rakkomandazzjoni u dwar ir-riżultati tas-sorveljanza u l-evalwazzjoni.

B'DAN JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

1. Tirrapporta dwar l-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-impatti tal-miżuri proposti, abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

[10] ĠU L 194, 18.7.2001, p. 26.
[11] ĠU L 226, 10.9.2003, p. 24.
[12] Ara n-nota 11.

2. Fil-kuntest ta' reviżjoni possibbli tad-Direttiva 2001/37/KE, tikkunsidra l-miżuri kollha relatati mal-prodotti mmirati li titnaqqas l-attrazzjoni ta' u d-dipendenza mill-prodotti tat-tabakk;

3. Tanalizza l-kwistjonijiet legali u l-bażi ta' evidenza għall-impatt tal-ippkkettar sempliċi, inkluż fuq il-funzjonament tas-suq intern.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. O. LITTORIN

*ANNESS*

**Linji gwida dwar il-protezzjoni mill-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk, kif adottati mit-Tieni Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk L-GĦAN,**

**IL-MIRI U L-KUNSIDERAZZJONIJIET EWLENIN**

**L-għan tal-linji gwida**

1. B'konsistenza ma' dispożizzjonijiet oħra tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk u l-intenzjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet, dawn il-linji gwida huma intiżi biex jassistu l-Partijiet biex jilħqu l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Dawn ġew imfassla fuq l-aħjar evidenza disponibbli u l-esperjenza ta' Partijiet li implimentaw miżuri effiċjenti b'suċċess biex tonqos l-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk.

2. Il-linji gwida fihom dikjarazzjonijiet ta' prinċipji miftehma u definizzjonijiet ta' termini relevanti, kif ukoll rakkomandazzjonijiet miftehma għall-passi meħtieġa biex ikunu ssodisfatti l-obbligi tal-Konvenzjoni. Barra minn hekk, il-linji gwida jidentifikaw il-miżuri neċessarji biex tinkiseb protezzjoni effettiva mill-perikli tad-duħħan sekondaman tat-tabakk. Il-Partijiet huma mistiedna jużaw dawn il-linji gwida mhux biss biex jissodisfaw id-dmirijiet legali tagħhom skont il-Konvenzjoni, iżda wkoll biex isegwu l-aħjar prattiki għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

**Il-miri tal-linji gwida**

3. Dawn il-linji gwida għandhom żewġ miri relatati. L-ewwel waħda hi biex il-Partijiet ikunu assistiti biex jilħqu l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO, b'mod konsistenti mal-evidenza xjentifika dwar l-espożizzjoni għad-duħħan sekondaman tat-tabakk u l-aħjar prattiki minn madwar id-dinja fl-implimentazzjoni ta' miżuri kontra t-tipjip, sabiex ikun stabbilit livell għoli ta' kontabbiltà għall-konformità tat-trattat u sabiex il-Partijiet ikunu assistiti fil-promozzjoni tal-ogħla livell ta' saħħa li jista' jintlaħaq. It-tieni mira hi li jkunu identifikati l-elementi ewlenin ta' leġiżlazzjoni neċessarja biex in-nies ikunu protetti b'mod effettiv minn espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk, kif meħtieġ mill-Artikolu 8.

**Konsiderazzjonijiet ta' bażi**

4. L-iżvilupp ta' dawn il-linji gwida kien influwenzat minn dawn il-konsiderazzjonijiet fundamentali li ġejjin.

(a) Id-dmir għall-protezzjoni mid-duħħan tat-tabakk, li hemm fit-test tal-Artikolu 8, hu mfassal fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Minħabba l-perikli relatati mad-duħħan sekondaman tat-tabakk man-nifs, id-dmir għall-protezzjoni mid-duħħan tat-tabakk hu impliċitu, fost l-oħrajn, fid-dritt għall-ħajja u d-dritt għall-kisba tal-ogħla livell ta' saħħa, kif rikonoxxut f'ħafna strumenti legali internazzjonali (inklużi l-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-Patt dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali), kif formalment inkluż fil-preambolu tal-Konvenzjoni Qafas tal-WHO u kif rikonoxxut fil-kostituzzjonijiet ta' ħafna nazzjonijiet.

(b) Id-dmir għall-protezzjoni tal-individwi mid-duħħan tat-tabakk jikkorrispondi ma' obbligu mill-gvernijiet biex iwaqqfu leġiżlazzjoni biex jipproteġu l-individwi minn theddid għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom. Dan l-obbligu hu estiż għal kull persuna, u mhux sempliċiment għal ċerti popolazzjonijiet biss.

(c) Diversi korpi ta' awtorità xjentifiċi ddeterminaw li d-duħħan sekondaman tat-tabakk hu karċinoġeniku. Uħud mill-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO (pereżempju l-Finlandja u l-Ġermanja) ikklassifikaw id-duħħan sekondaman tat-tabakk bħala karċinoġeniku u inkludew il-prevenzjoni tal-espożizzjoni għal dan fil-leġiżlazzjoni tagħhom dwar is-saħħa u s-sigurtà. Barra mir-rekwiżiti tal-Artikolu 8, b'hekk, il-Partijiet jistgħu jkunu obbligati biex jindirizzaw il-periklu tal-espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk skont il-liġijiet eżistenti tagħhom dwar il-postijiet tax-xogħol jew liġijiet oħra li jikkontrollaw l-espożizzjoni għal sustanzi perikolużi, inklużi l-karċinoġeni.

**DIKJARAZZJONI TA' PRINĊIPJI U DEFINIZZJONIJIET RELEVANTI TA' BAŻI GĦALL-PROTEZZJONI MILL-ESPOŻIZZJONI GĦAD-DUĦĦAN MIT-TABAKK**

**Prinċipji**

5. Kif ġie nnotat fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO, hemm bżonn ta' ħidma politika serja biex jittieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuni kollha mill-espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk. Il-prinċipji li ġejjin li kien hemm qbil dwarhom għandhom ikunu ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**Prinċipju 1**

6. Miżuri effettivi biex tingħata protezzjoni mill-espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk, kif previsti mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-WHO, jeħtieġu l-eliminazzjoni totali tat-tipjip u d-duħħan mit-tabakk fi spazju jew ambjent partikolari biex jinħoloq ambjent totalment ħieles mid-duħħan. Ma hemm l-ebda livell ta' espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk li huwa bla periklu, u nozzjonijiet bħal livell minimu għat-tossiċità mid-duħħan sekondaman għandhom ikunu rrifjutati, billi hemm evidenza xjentifika li tikkontradixxihom. Metodi oħra apparti dawk fejn ikun hemm ambjent totalment ħieles mid-duħħan, inklużi l-ventilazzjoni, il-filtrazzjoni tal-arja u l-użu ta' żoni apposta għat-tipjip (kemm jekk b'sistemi ta' ventilazzjoni separati jew le), instabu bħala ineffettivi diversi drabi u hemm evidenza konklużiva, xjentifika jew mod ieħor, li metodi tal-inġinerija ma jipproteġux kontra l-espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk.

**Prinċipju 2**

7. Kulħadd għandu jkun protett mill-espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk. Il-postijiet tax-xogħol fuq ġewwa u l-postijiet pubbliċi fuq ġewwa għandhom ikunu ħielsa mit-tipjip.

**Prinċipju 3**

8. Hemm bżonn leġiżlazzjoni għall-protezzjoni tan-nies mill-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk. Il-linji politiċi volontarji kontra t-tipjip urew diversi drabi li huma ineffiċjenti u ma jipprovdux protezzjoni adegwata. Sabiex tkun effettiva, leġiżlazzjoni trid tkun sempliċi, ċara u li tista' tiġi infurzata.

**Prinċipju 4**

9. Biex leġiżlazzjoni kontra t-tipjip tkun implimentata u infurzata b'suċċess, hemm bżonn ta' ippjanar tajjeb u riżorsi adegwati.

**Prinċipju 5**

10. Is-soċjetà ċivili għandha rwol ċentrali fil-ħolqien ta' appoġġ u tal-qbil ma' miżuri kontra t-tipjip, u għandhom ikunu inklużi bħala msieħba attivi fil-proċess ta' żvilupp, implimentazzjoni u infurzar tal-leġiżlazzjoni.

**Prinċipju 6**

11. L-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni kontra t-tipjip, l-infurzar tagħha u l-impatt tagħha għandhom jiġu kollha mmonitorjati u evalwati. Dan għandu jinkludi l-monitoraġġ u r-rispons għal attivitajiet tal-industrija tat-tabakk li jikkompromettu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni, kif speċifikat fl-Artikolu 20.4 tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-WHO.

**Prinċipju 7**

12. Il-protezzjoni tan-nies mill-espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk għandha tkun imsaħħa u mkabbra, jekk ikun hemm bżonn; tali azzjoni tista' tinkludi leġiżlazzjoni ġdida jew emendata, infurzar imtejjeb u miżuri oħra biex jirriflettu evidenzi xjentifiċi ġodda u esperjenzi ta' studju ta' każijiet partikolari.

**Definizzjonijiet**

13. Fl-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni, hu importanti li jkun hemm attenzjoni fid-definizzjoni ta' termini importanti. Diversi rakkommandazzjonijiet kif għandhom ikunu ċerti definizzjonijiet, ibbażati fuq esperjenzi f'ħafna pajjiżi, huma mfassla hawnhekk. Id-definizzjonijiet f'din is-sezzjoni jissupplimentaw lil dawk diġà inklużi fil-Konvenzjoni ta' Qafas tal-WHO.

**"Duħħan sekondaman tat-tabakk" jew "duħħan ambjentali mit-tabakk"**

14. Diversi termini alternattivi jintużaw ta' spiss biex jiddeskrivu t-tip ta' duħħan indirizzat mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-WHO. Dawn jinkludu "duħħan sekondaman", "duħħan ambjentali mit-tabakk", u "duħħan mit-tipjip tal-oħrajn". Termini bħal "tipjip passiv" u "espożizzjoni involontarja għad-duħħan mit-tabakk" għandhom jiġu evitati, billi l-esperjenza fi Franza u pajjiżi oħra tindika li l-industrija tat-tabakk tista' tuża dawn it-termini biex tappoġġja pożizzjoni fejn espożizzjoni "volontarja" hija aċċettabbli. "Duħħan sekondaman mit-tabakk", xi drabi mqassar bħala "SHS", u "duħħan ambjentali mit-tabakk", xi drabi mqassar bħala "ETS", huma t-termini preferuti; dawn il-linji gwida jużaw "duħħan sekondaman mit-tabakk".

15. Duħħan sekondaman mit-tabakk jista' jiġi ddefinit bħala "id-duħħan li jiġi prodott minn sigarett jew minn prodotti oħra tat-tabakk ġeneralment f'kombinazzjoni mad-duħħan mitfugħ minn min ikun qiegħed ipejjep".

16. "Arja mingħajr duħħan" hi arja li tkun 100 % mingħajr duħħan. Din id-definizzjoni tinkludi, iżda mhix limitata għal, arja fejn id-duħħan mit-tabakk ma jkunx jista' jidher, jinxtamm, jinħass jew ikun ikkalkulat ([1]).

**"Tipjip"**

17. Dan it-terminu għandu jkun definit biex jinkludi l-pussess jew il-kontroll ta' prodott mit-tabakk mixgħul minkejja jekk id-duħħan ikunx qiegħed jinġibed jew jintefa' 'l barra jew le.

**"Postijiet pubbliċi"**

18. Filwaqt li definizzjoni preċiża ta' "postijiet pubbliċi" se tvarja bejn il-ġurisdizzjonijiet, hu importanti li leġiżlazzjoni tiddefinixxi dan it-terminu b'mod wiesa' kemm jista' jkun. Id-definizzjoni użata għandha tkopri l-postijiet kollha aċċessibbli mill-pubbliku ġenerali jew postijiet għal użu kollettiv, minkejja l-pussess tal-proprjetà jew id-dritt għall-aċċess.

**"Fuq ġewwa" jew "fil-magħluq"**

19. L-Artikolu 8 jeħtieġ protezzjoni mid-duħħan mit-tabakk f'postijiet tax-xogħol u postijiet pubbliċi "fuq ġewwa". Minħabba li hemm ostakoli potenzjali fid-definizzjoni ta' żoni "fuq ġewwa", l-esperjenzi ta' diversi pajjiżi fid-definizzjoni ta' dan it-terminu għandhom ikunu eżaminati b'mod speċifiku. Id-definizzjoni għandha tkun inklużiva u ċara kemm jista' jkun possibbli, u għandha tingħata attenzjoni fid-definizzjoni biex ikunu evitati listi ġodda fejn dan ikun interpretat bħala terminu li jeskludi żoni "fuq ġewwa" potenzjalment relevanti. Hu rrakkommandat li żoni "fuq ġewwa" (jew "fil-magħluq") ikunu ddefiniti biex jinkludu kull spazju msaqqaf jew magħluq b'ħajt wieħed jew aktar ħitan jew ġnub, minkejja t-tip ta' materjal użat għas-saqaf, ħajt jew ġenb, u minkejja jekk l-istruttura tkunx permanenti jew temporanja.

**"Post tax-xogħol"**

20. "Post tax-xogħol" għandu jkun definit b'mod wiesa' bħala "kwalunkwe post użat min-nies waqt l-impjieg jew ix-xogħol tagħhom". Dan għandu jinkludi mhux biss xogħol magħmul għal kumpens, iżda wkoll għal xogħol volontarju, jekk ikun tat-tip li għalih normalment ikun imħallas kumpens. Barra minn hekk, "postijiet tax-xogħol" jinkludu mhux biss dawk il-postijiet fejn isir ix-xogħol, iżda wkoll il-postijiet kollha assoċjati li huma użati b'mod komuni mill-ħaddiema matul l-impjieg tagħhom, inkluż, pereżempju, kurituri, lifts, trombi tat-taraġ, swali, faċilitajiet konġunti, kafetteriji, tojlits, salotti, kmamar tal-ikel u anki bini ieħor fuq barra bħal barrakki u għarajjex. Vetturi użati waqt ix-xogħol huma postijiet tax-xogħol u għandhom ikunu identifikati tali b'mod speċifiku.

21. Konsiderazzjoni partikolari għandha tingħata għal postijiet tax-xogħol li huma wkoll id-djar jew il-postijiet ta' għixien tal-individwi, pereżempju, ħabsijiet, istituzzjonijiet għas-saħħa mentali u ċentri tal-kura. Dawn il-postijiet jagħmlu parti wkoll minn postijiet tax-xogħol għall-oħrajn, li għandhom ikunu protetti mill-espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk.

**"Il-mezzi tat-trasport pubbliku"**

22. Il-mezzi tat-trasport pubbliku għandhom ikunu definiti biex jinkludu kwalunkwe vettura użata għal-ġarr ta' membri tal-pubbliku, ġeneralment għall-qligħ jew gwadann kummerċjali. Dan jinkludi wkoll it-taksis.

## L-ISKOP TA' LEĠIŻLAZZJONI EFFETTIVA

23. L-Artikolu 8 jirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri effettivi għall-protezzjoni tan-nies mill-espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk ġo (1) postijiet tax-xogħol fuq ġewwa, (2) postijiet pubbliċi fuq ġewwa, (3) trasport pubbliku, u (4) "kif xieraq" f'"postijiet pubbliċi oħra".

24. Dan joħloq obbligu għall-provvediment ta' protezzjoni universali billi kull post pubbliku fuq ġewwa, kull post tax-xogħol fuq ġewwa, kull mezz tat-trasport pubbliku u possibbilment kwalunkwe post pubbliku ieħor (fuq barra jew li jista' jkun ikkunsidrat fuq barra) ikunu ħielsa mill-espożizzjoni għad-duħħan sekondaman mit-tabakk. L-ebda eżenzjoni ma hija ġġustifikata fuq il-bażi ta' argumenti dwar is-saħħa jew legali. Jekk ikollhom jiġu kkunsidrati eżenzjonijiet fuq il-bażi ta' argumenti oħra, dawn għandhom ikunu minimi. Barra minn hekk, jekk xi Parti ma tkunx kapaċi tikseb kopertura universali immedjatament, l-Artikolu 8 joħloq obbligazzjoni kontinwa biex jitneħħew kwalunkwe eżenzjonijiet u l-protezzjoni ssir universali fl-inqas żmien possibbli. Kull Parti għandha taħdem biex tipprovdi protezzjoni universali fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-WHO għal dik il-Parti.

25. L-ebda livelli ta' espożizzjoni għad-duħħan sekondaman ma huma bla periklu, u, kif diġà ġie rikonoxxut mill-Konferenza tal-Partijiet fid-Deċiżjoni FCTC/COP1(15), metodi ta' inġinerija, bħall-ventilazzjoni, skambju tal-arja u l-użu ta' żoni apposta għat-tipjip, ma jipproteġux kontra l-espożizzjoni għad-duħħan mit-tabakk.

([1]) Jista' jagħti l-każ li jkun hemm elementi kostitwenti tad-duħħan mit-tabakk fl-arja li minħabba l-ammont żgħir tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu mkejla. Għandha tingħata attenzjoni lill-possibbiltà li l-industrija tat-tabakk jew is-settur tal-ospitalità jistgħu jippruvaw jisfruttaw il-limiti ta' din id-definizzjoni.

26. Għandha tingħata protezzjoni f'kull post tax-xogħol fuq ġewwa jew fil-magħluq, inkluż vetturi bil-magna użati bħala postijiet tax-xogħol (pereżempju, taksis, ambulanzi jew vetturi tat-tqassim).

27. Il-lingwaġġ tat-trattat jirrikjedi miżuri ta' protezzjoni mhux biss fil-postijiet pubbliċi "fuq ġewwa" kollha, iżda wkoll f'dawk il-postijiet pubbliċi "l-oħra" (jiġifieri, ta' barra jew jistgħu jkunu kkunsidrati fuq barra). Fl-identifikazzjoni ta' dawk il-postijiet pubbliċi fuq barra jew li jistgħu jkunu kkunsidrati fuq barra fejn il-leġiżlazzjoni hi xierqa, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw l-evidenza għall-perikli ta' saħħa possibbli f'diversi kuntesti u għandhom jaħdmu biex jadottaw l-aktar protezzjoni effettiva kontra l-espożizzjoni kull fejn l-evidenza turi li jeżisti xi periklu.

## INFORMAZZJONI, KONSULTAZZJONI U INVOLVIMENT PUBBLIKU BIEX IKUN ŻGURAT APPOĠĠ U IMPLIMENTAZZJONI BLA XKIEL

28. It-tqajjim tas-sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku u l-opinjonisti dwar ir-riskji tal-espożizzjoni għad-duħħan sekondaman mit-tabakk permezz ta' kampanji ta' informazzjoni l-ħin kollu huwa rwol importanti għall-aġenziji tal-gvernijiet, fi sħab mas-soċjetà ċivili, biex ikun assigurat li l-pubbliku jifhem u jappoġġja l-azzjoni leġiżlattiva. Il-partijiet interessati prinċipali jinkludu negozji, assoċjazzjonijiet tar-ristoranti u l-ospitalità, gruppi ta' min iħaddem, trejdunjins, il-mezzi tax-xandir u l-istampa, il-professjonisti tas-saħħa, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw it-tfal u ż-żgħażagħ, istituzzjonijiet tat-tagħlim jew fidi, il-komunità tar-riċerka u l-pubbliku ġenerali. L-isforzi biex titqajjem sensibilizzazzjoni għandhom jinkludu konsultazzjoni man-negozji u organizzazzjonijiet oħra affettwati u ma' istituzzjonijiet matul l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni.

29. Il-messaġġi ewlenin għandhom jiffukaw fuq il-ħsara kkawżata mill-espożizzjoni għad-duħħan sekondaman mit-tabakk, il-fatt li l-eliminazzjoni tat-tipjip fuq ġewwa hi l-unika soluzzjoni bbażata fuq ix-xjenza biex tassigura protezzjoni kompleta mill-espożizzjoni, id-dritt tal-ħaddiema kollha li jkunu protetti ugwalment mil-liġi u l-fatt li ma jistgħux isiru kompromessi bejn l-ekonomija u s-saħħa, minħabba li l-esperjenza f'numru dejjem jikber ta' ġurisdizzjonijiet turi li ambjenti ħielsa mit-tipjip jibbenefikaw lit-tnejn. Il-kampanji ta' edukazzjoni pubblika għandhom jindirizzaw ukoll kuntesti fejn il-leġiżlazzjoni tista' ma tkunx vijabbli jew xierqa, bħal djar privati.

30. Konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati hi wkoll neċessarja biex tkun edukata u mmobilizzata l-komunità u tiffaċilità l-appoġġ għal-leġiżlazzjoni wara li tkun ġiet imwaqqfa. Meta l-leġiżlazzjoni tkun adottata, għandu jkun hemm kampanja ta' edukazzjoni li twassal għall-implimentazzjoni tal-liġi, il-provvediment ta' informazzjoni għas-sidien tan-negozji u l-maniġers tal-bini bid-dettalji tal-liġi u r-responsabbiltajiet tagħhom u l-produzzjoni ta' riżorsi, bħal avviżi. Dawn il-miżuri għandhom iżidu ċ-ċans ta' implimentazzjoni bla xkiel u livell għoli ta' konformità volontarja. Messaġġi biex jingħata aktar poter lil dawk li ma jpejpux u jkunu rringrazzjati dawk li jpejpu talli jsegwu l-liġi għandhom jippromwovu l-involviment tal-pubbliku fl-infurzar u implimentazzjoni bla xkiel.

## L-INFURZAR

### Id-dmir tal-konformità

31. Leġiżlazzjoni effettiva għandha timponi responsabbiltajiet legali għall-konformità kemm fuq stabbilimenti tan-negozji affettwati u individwi li jpejpu, u għandha tipprovdi penali għal vjolazzjonijiet, li għandhom japplikaw għan-negozji u, possibbilment, għal dawk li jpejpu. L-infurzar għandu normalment jiffoka fuq stabbilimenti tan-negozji. Il-leġiżlazzjoni għandha tpoġġi r-responsabbiltà għall-konformità fuq is-sid, il-maniġer jew kwalunkwe persuna oħra fil-kontroll tal-post, u għandha tidentifika b'mod ċar l-azzjonijiet li għandhom jieħdu. Dawn id-dmirijiet għandhom jinkludu:

(a) dmir li jitpoġġew avviżi ċari f'entraturi u postijiet oħra xierqa fejn jindikaw li t-tipjip mhux permess. Il-format u l-kontenut ta' dawn l-avviżi għandu jkun iddeterminat minn awtoritajiet tas-saħħa jew aġenziji oħra tal-gvern u jistgħu jidentifikaw numru tat-telefown jew mekkaniżmi oħra għall-pubbliku biex jirrappurtaw vjolazzjonijiet u l-isem tal-persuna fi ħdan il-bini lil min għandhom jindirizzaw l-ilmenti tagħhom;

(b) dmir li jitneħħew l-ashtrays mill-bini;

(c) dmir ta' sorveljanza tal-osservazzjoni tar-regoli;

(d) dmir ta' teħid ta' passi speċifiċi raġonevoli biex ikunu skoraġġiti individwi milli jpejpu fil-bini. Dawn il-passi jistgħu jinkludu li min ipejjep jintalab biex ma jpejjipx, ma jitkompliex servizz, min ipejjep jintalab biex iħalli l-bini u tkun imsejħa l-aġenzija tal-infurzar tal-liġi jew xi awtorità oħra.

**Il-Penali**

32. Il-leġiżlazzjoni għandha tispeċifika multi jew penali oħra monetarji għal vjolazzjonijiet. Filwaqt li l-ammont ta' dawn il-multi se jirrifletti b'mod neċessarju l-prattiki u d-drawwiet speċifiċi ta' kull pajjiż, diversi prinċipji għandhom jiggwidaw lid-deċiżjoni. L-aktar importanti, il-penali għandhom ikunu suffiċjentament kbar biex inaqqsu l-vjolazzjonijiet jew inkella dawn jistgħu jkunu injorati minn min jiksirhom jew jiġu kkunsidrati biss bħala spejjeż biex isir innegozju. Penali akbar huma meħtieġa biex inaqqsu l-ksur tal-liġi min-negozjanti aktar milli lill-individwi li jpejpu, li ġeneralment ikollhom anqas riżorsi. Il-penali għandhom jiżdiedu għal vjolazzjonijiet ripetuti u għandhom ikunu konsistenti mat-trattament li l-pajjiż jagħti għal offiżi oħrajn, serji daqshom.

33. Barra mill-penali monetarji, il-leġiżlazzjoni tista' wkoll tippermetti sanzjonijiet amministrattivi, bħas-sospensjoni tal-liċenzji tan-negozju, b'mod konsistenti mal-prattika u s-sistema legali tal-pajjiż. Dawn "is-sanzjonijiet bħala l-aħħar rimedju" huma użati rarament, iżda huma importanti ħafna għall-infurzar tal-liġi kontra kwalunkwe negozju li jagħżel li jikser il-liġi aktar minn darba.

34. Penali kriminali għal vjolazzjonijiet jistgħu jkunu kkunsidrati għall-inklużjoni, jekk xierqa fil-kuntest legali u kulturali tal-pajjiż.

**L-infrastruttura tal-infurzar**

35. Il-leġiżlazzjoni għandha tidentifika l-awtorità jew awtoritajiet responsabbli għall-infurzar, u għandha tinkludi sistema kemm għall-monitoraġġ tal-konformità u anki għal-prosekuzzjoni ta' min jikser il-liġi.

36. Il-monitoraġġ għandu jinkludi proċess għall-ispezzjoni tan-negozju għall-konformità. Il-bżonn għall-ħolqien ta' sistema ta' spezzjoni ġdida għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni kontra t-tipjip huwa rari. Minflok, il-konformità tista' tkun immonitorjata bl-użu ta' wieħed jew aktar mill mekkaniżmi diġà fis-seħħ għall-ispezzjoni tal-bini tan-negozju u l-postijiet tax-xogħol. Varjetà ta' għażliet ġeneralment teżisti għal dan il-għan. F'ħafna pajjiżi, spezzjonijiet għall-konformità jistgħu jiġu integrati fl-ispezzjonijiet tal-liċenzji tan-negozji, spezzjonijiet tas-saħħa u s-sanità, spezzjonijiet għas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, spezzjonijiet tas-sikurezza tan-nar jew programmi simili. Jista' jkun ta' valur li jsir użu minn dawn it-tipi ta' sorsi ta' ġbir ta' informazzjoni fl-istess ħin.

37. Fejn possibbli, l-użu ta' spetturi jew aġenti tal-infurzar fuq livell lokali huwa rrakkommandat; dan għandu jżid ir-riżorsi ta' infurzar disponibbli u l-livell ta' konformità. Dan il-metodu jeħtieġ it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' koordinament nazzjonali biex ikun żgurat metodu konsistenti fil-pajjiż kollu.

38. Minkejja l-mekkaniżmu użat, il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' infurzar ġenerali, u għandu jinkludi proċess għal taħriġ effettiv tal-ispetturi. Monitoraġġ effettiv jista' jikkombina spezzjonijiet regolari ma' spezzjonijiet mingħajr avviż jew programm, kif ukoll spezzjonijiet minħabba rapporti li jkunu saru. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jkunu ta' edukazzjoni fil-perjodu tal-bidu wara li l-liġi tidħol fis-seħħ, billi ħafna mill-ksur ikun sar b'mod involontarju. Il-leġiżlazzjoni għandha tawtorizza l-ispetturi biex ikunu jistgħu jidħlu fil-bini skont il-liġi u jiġbru kampjuni u evidenzi, dment li dawn il-poteri mhumiex diġà stabbiliti minn liġi eżistenti. B'mod simili, il-leġiżlazzjoni għandha tipprojbixxi n-negozji milli jostakolaw lill-ispetturi fix-xogħol tagħhom.

39. In-nefqa ta' monitoraġġ effettiv mhijiex eċċessiva. Mhemmx bżonn li jkunu impjegati numru kbir ta' spetturi, minħabba li l-ispezzjonijiet jistgħu jsiru permezz ta' programmi u persunal eżistenti, u minħabba li l-esperjenza turi li leġiżlazzjoni kontra t-tipjip issir awto-infurzanti malajr (jiġifieri tkun infurzata fil-biċċa l-kbira mill-pubbliku stess). Jekk il-leġiżlazzjoni tkun implimentata b'mod għaqli u jsiru sforzi attivi biex ikunu edukati n-negozji u l-pubbliku, ftit li xejn ikun hemm bżonn ta' prosekuzzjonijiet.

40. Għalkemm dawn il-programmi ma jinvolvux spejjeż kbar, hemm bżonn tar-riżorsi biex ikunu edukati n-negozji, jingħata taħriġ lill-ispetturi, jiġi kkoordinat il-proċess ta' spezzjoni u jkun ikkompensat il-persunal għall-ispezzjonijiet ta' negozji barra mill-ħin normali tax-xogħol. Mekkaniżmu ta' finanzjament għandu jiġi identifikat għal dan il-għan. Programmi ta' monitoraġġ effettivi użaw diversi sorsi ta' fondi, inkluż allokament mid-dħul tat-taxxi, ħlas tal-liċenzji tan-negozji u dħul allokat minn multi mħallsa minn dawk li jiksru l-liġi.

**L-istrateġiji tal-infurzar**

41. Metodi strateġiċi ta' infurzar jistgħu jżidu l-konformità, jissimplifikaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u jnaqqsu l-livell ta' riżorsi għall-infurzar meħtieġa.

42. B'mod partikolari, attivitajiet relatati mal-infurzar fil-perjodu eżatt wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi huma kritiċi għas-suċċess tal-liġi u għas-suċċess ta' monitoraġġ u infurzar fil-futur. Ħafna ġurisdizzjonijiet jirrakkomandaw perjodu inizjali ta' infurzar minimu, fejn dawk li jiksru l-liġi jkunu mwissija minflok jingħataw penali. Dan il-metodu għandu jkun konġunt ma' kampanja attiva biex ikunu edukati s-sidien tan-negozji dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom skont il-liġi, u n-negozji għandhom jifhmu li l-perjodu ta' konċessjoni jew dħul gradwali se jkun segwit b'infurzar aktar strett.

43. Meta jibda l-infurzar attiv, ħafna ġurisdizzjonijiet jirrakkomandaw l-użu ta' prosekuzzjonijiet b'attenzjoni għolja bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza. L-awtoritajiet ikunu jistgħu juru s-soluzzjonijiet u s-serjetà tal-liġi permezz tal-identifikazzjoni ta' nies prominenti li jkunu kisru l-liġi b'mod attiv jew li jkunu magħrufa fil-komunità, permezz ta' azzjoni serja u immedjata u permezz ta' sensibilizzazzjoni għolja tal-pubbliku dwar dawn l-attivitajiet. Dan iżid il-konformità volontarja u jnaqqas ir-riżorsi meħtieġa għal monitoraġġ u infurzar fil-futur.

44. Filwaqt li liġijiet kontra t-tipjip isiru awto-infurzanti, xorta hemm bżonn li l-awtoritajiet ikunu ppreparati biex jirrispondu malajr u b'mod iżjed deċiżiv għal kull każ iżolat ta' ksur tal-liġi. B'mod partikolari meta liġi tkun għadha dieħla fis-seħħ, okkażjonalment jista' jkun hemm xi ħadd li jipprova juri l-oppożizzjoni tiegħu kontra l-liġi. Tweġibiet ħarxa f'dawn il-każijiet jistabbilixxu aspettattiva ta' konformità li tagħmilha aktar faċli għal sforzi fil-futur, filwaqt li nuqqas ta' deċiżjoni tista' twassal malajr għal firxa ta' vjolazzjonijiet.

**Il-mobilizzazzjoni u l-involviment tal-komunità**

45. L-effettività ta' programm ta' monitoraġġ u infurzar hi mtejba permezz tal-involviment tal-komunità fil-programm. It-tħaddim tal-appoġġ tal-komunità u l-inkoraġġiment tal-membri tal-komunità biex jimmonitorjaw il-konformità u jirrappurtaw il-vjolazzjonijiet tkompli tkabbar ix-xogħol tal-aġenziji tal-infurzar u tnaqqas ir-riżorsi meħtieġa biex tinkiseb konformità. F'ħafna ġurisdizzjonijiet, l-ilmenti tal-komunità huma l-mezz ewlieni biex tkun assigurata l-konformità. Għal dan il-għan, il-leġiżlazzjoni kontra t-tipjip għandha tispeċifika li membri tal-pubbliku jistgħu jressqu ilmenti u għandhom jawtorizzaw kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni mhux tal-gvern biex jibdew azzjoni biex tinkiseb il-konformità mal-miżuri li jirregolaw l-espożizzjoni għad-duħħan sekondaman. Il-programm ta' infurzar għandu jinkludi linja tat-telefown b'xejn jew sistema simili biex il-pubbliku jkun inkorraġġit jagħmel rapporti ta' vjolazzjonijiet.

## IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI TAL-MIŻURI

46. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri biex jitnaqqas l-espożizzjoni għad-duħħan sekondaman mit-tabakk huma importanti għal diversi raġunijiet, pereżempju:

(a) biex jiżdied l-appoġġ politiku u pubbliku biex jissaħħu u jikbru d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi;

(b) biex ikun hemm dokumentazzjoni tas-suċċessi li se jinfurmaw u jassistu l-isforzi ta' pajjiżi oħra;

(c) biex ikunu identifikati u ppubbliċizzati l-isforzi li saru mill-industrija tat-tabakk biex ikun hemm xkiel fil-miżuri tal-implimentazzjoni.

47. Il-kobor u l-kumplessità tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni se jvarjaw bejn il-ġurisdizzjonijiet, skont l-esperjenza u r-riżorsi disponibbli. Madankollu, hu importanti li jkun evalwat ir-riżultat tal-miżuri implimentati, b'mod partikolari, fuq l-indikatur ewlieni ta' espożizzjoni għad-duħħan sekondaman fil-postijiet tax-xogħol u l-postijiet pubbliċi. Jista' jkun hemm metodi ta' kif jitnaqqsu l-ispejjeż għal dan il-għan, pereżempju permezz tal-użu ta' dejta jew informazzjoni miġbura permezz ta' attivitajiet ta' kuljum bħal spezzjonijiet fil-post tax-xogħol.

48. Hemm tmien indikaturi ewlenin tal-proċess u r-riżultat li għandhom ikunu kkunsidrati [1]:

**Il-proċessi**

(a) Għarfien, attitudnijiet u appoġġ għal linji politiċi kontra t-tipjip fost il-popolazzjoni ġenerali u possibilment gruppi speċifiċi, pereżempju, ħaddiema f'barijiet;

(b) infurzar ta' u konformità ma' linji politiċi kontra t-tipjip.

(1) Il-pubblikazzjoni "Rakkomandazzjonijiet tal-WHO għal linja politika: protezzjoni mill-espożizzjoni għad-duħħan sekondaman tat-tabakk" (Ġinevra, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2007) tipprovdi referenzi u ħoloq għal studji ta' monitoraġġ immexxi fi bnadi oħra fuq dawn l-indikaturi kollha.

**Ir-riżultati**

(a) tnaqqis fl-espożizzjoni ta’ impjegati għad-duħħan sekondaman mit-tabakk fil-postijiet tax-xogħol u postijiet pubbliċi;

(b) tnaqqis fil-kontenut ta’ duħħan sekondaman mit-tabakk fl-arja fil-postijiet tax-xogħol (b′mod partikolari f'ristoranti) u postijiet pubbliċi;

(c) tnaqqis fil-mortalità u l-morbożitá mill-espożizzjoni għad-duħħan sekondaman mit-tabakk;

(d) tnaqqis fl-espożizzjoni għad-duħħan sekondaman mit-tabakk fi djar privati;

(e) tibdil fil-prevalenza tat-tipjip u fl-aġir relatat mat-tipjip;

(f) l-impatti ekonomiċi.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.5691 – Mubadala/Veolia Eau/Azaliya)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 296/03)

Fl-1 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32009M5691. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

## L-4 ta' Diċembru 2009

(2009/C 296/04)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,5068 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6259 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 133,08 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5778 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4416 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 11,6778 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,90480 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,0776 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,3716 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0808 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5063 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 737,23 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,0607 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,4900 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 10,2869 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,2970 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,842 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 186,89 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 5,0937 |
| HUF | Forint Ungeriż | 269,14 | PHP | Peso Filippin | 69,313 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 44,1582 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7073 | THB | Baht Tajlandiż | 49,902 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,0928 | BRL | Real Brażiljan | 2,5730 |
| RON | Leu Rumen | 4,2205 | MXN | Peso Messikan | 18,9382 |
| TRY | Lira Turka | 2,2333 | INR | Rupi Indjan | 69,7573 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ftehimiet ristrettivi u pożizzjoni dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Settembru 2009 rigward abbozz ta deċiżjoni dwar il-Każ COMP/C.39129 – Transformers tal-Elettriku (1)**

**Rapporteur: Il-Lussemburgu**

(2009/C 296/05)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-fatti bħala ftehim u/jew prattika miftiehma fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 81 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li l-ftehim u/jew il-prattiki miftiehma għandhom bħala għan li jnaqqsu l-kompetizzjoni.

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li l-ftehim u/jew il-prattiki miftiehma ġew implimentati mill-partijiet.

4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-dewmien tal-ksur għal kull destinatarju.

5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea rigward il-konklużjoni li l-ftehim u l-prattiki miftiehma bejn id-destinatarji setgħu jħallu effett konsiderevoli fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE u bejn il-partijiet kontraenti taż-ŻEE.

6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea rigward id-destinatarji tad-deċiżjoni, speċifikament b'referenza għall-attribuzzjoni ta' responsabbiltà lill-kumpaniji *parent* tal-gruppi kkonċernati.

7. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ftehimiet ristrettivi u pożizzjoni dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ottubru 2009 rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar Il-Każ COMP/C.39129 Transformers tal-Elettriku (2)**

**Rapporteur: Il-Lussemburgu**

(2009/C 296/06)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li tista' tiġi imposta multa fuq dawk indirizzati mill-abbozz ta' deċiżjoni.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mar-raġunament tal-Kummissjoni dwar l-ammont bażiku tal-multi.

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ċirkostanzi ta' mitigazzjoni jew aggravament (apparti l-aspett kopert bil-Mistoqsija 4).

4. Il-maġġoranza tal-Kumitat Konsultattiv jaqblu mal-Kummissjoni Ewropea li hemm ċirkostanzi eċċezzjonali preżenti f'dan il-każ li jiġġustifikaw l-għoti ta' tnaqqis mill-multi għal kooperazzjoni effettiva barra n-Notifika ta' Klemenza tal-2002, kif stabbilit fl-Abbozz tad-Deċiżjoni.

5. Il-maġġoranza tal-Kumitat Konsultattiv jaqblu mar-raġunament tal-Kummissjoni Ewropea għall-ammont ta' tnaqqis mill-multi għal kooperazzjoni effettiva barra n-Notifika ta' Klemenza tal-2002.

6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Avviż ta' Klemenza tal-2002.

7. Il-Kumitat Konsultattiv jitlob lill-Kummissjoni li tikkunsidra l-punti kollha l-oħra li tqajmu matul id-diskussjoni.

8. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta Każ COMP/39.129 – Trasformers tal-Elettriku**

*(Skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA tat- 23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni – ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)*

(2009/C 296/07)

Dan il-każ tal-kompetizzjoni jirrigwarda ftehim ta' kartell bejn produtturi tat-transformers tal-elettriku.

L-abbozz tad-deċiżjoni jagħti lok għall-kummenti li ġejjin:

**Id-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet**

Id-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet (DO) ġiet adottata fl-20 ta' Novembru 2008 u ntbagħtet lis-seba' kumpaniji segwenti: ABB Ltd; AREVA T&D SA; ALSTOM; Siemens AG; Fuji Electrics Holdings Co. Ltd; Hitachi Ltd; u Toshiba Corporation (il-Partijiet).

Fid-DO, il-Kummissjoni laħqet il-konklużjoni preliminari li l-Partijiet kienu kisru l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE bejn l-1993 u l-2003 billi osservaw arranġament bil-kliem (Ftehim Informali) fejn il-produtturi Ġappuniżi qablu li ma jbigħux transformers tal-Elettriku fl-Ewropa u l-produtturi Ewropej qablu li ma jbigħux fil-Ġappun.

*Perjodu ta' żmien biex iwieġbu għad-DO*

Il-Partijiet oriġinalment ingħataw perjodu ta' żmien ta' sitt ġimgħat biex iwieġbu għad-DO. Il-partijiet kollha talbuni għal estensjoni, li jien tajthom parzjalment. Il-partijiet kollha wieġbu għad-DO fi żmien il-perjodu estiż.

*Aċċess għall-fajl*

Il-Partijiet ingħataw aċċess għall-fajl ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni permezz ta' CD-ROM. Id-dikjarazzjonijiet tal-kumpaniji mill-applikanti għall-immunità u l-klemenza madankollu kienu aċċessibbli biss fil-bini tal-Kummissjoni.

F'konformità man-Notifika tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-fajl [1], ingħata aċċess addizzjonali lil xi sottomissjonijiet li rċeviet il-Kummissjoni wara s-Seduta tas-Smigħ u li l-Kummissjoni kellha l-ħsieb li torbot fuqha bħala evidenza inkriminant fid-deċiżjoni finali.

**Smigħ Orali**

Fuq talba mill-Partijiet sar Smigħ Orali fis-17 ta' Frar 2009 fejn kienu rappreżentati l-Partijiet kollha.

Matul is-Seduta ta' Smigħ, parti minnhom ingħatat l-opportunità li tirrispondi għal mistoqsija bil-miktub. Din it-tweġiba ġiet sussegwentement ċirkolata lill-Partijiet kollha għall-kummenti, li wassal għall-aċċess addizzjonali msemmi hawn fuq.

*Il-kwistjonijiet proċedurali ewlenin li tressqu mill-Partijiet*

Numru ta' stqarrijiet rigward id-drittijiet tad-difiża tqajmu mill-Partijiet, li wara eżaminazzjoni bir-reqqa jien inqishom li huma infondati. L-istqarrijiet ewlenin huma dawn li ġejjin:

— Il-Kummissjoni ddependiet fuq evidenza awto-inkriminanti sottomessa minn applikant li kiseb l-immunità minkejja li l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet rifjutata.

  In-Notifika ta' Klemenza tal-2002 tipprevedi li applikant għall-immunità jista' jirtira l-evidenza li ta għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu għall-immunità jekk l-evidenza ma tiġix aċċettata [2]. Minħabba li l-applikant konċernat ma għamilx użu minn din il-possibbiltà, il-Kummissjoni kienet libera li tuża dik l-evidenza mingħajr ma tikser id-drittijiet tad-difiża.

— Il-Kummissjoni tiddependi fuq evidenza li kienet kisbet matul spezzjonijiet f'każ differenti (imma relatat).

(1) ĠU C 325, 22.12.2005, p. 7, il-punt 27.
(2) ĠU C 45, 19.2.2002, p. 3, il-punt 17.

L-inkjesta tiegħi wriet li l-istess evidenza, sussegwentement kienet ġiet sottomessa b'mod volontarju f'konnessjoni ma' applikazzjoni ta' klemenza u bi tweġiba għal talba għall-informazzjoni fil-każ kurrenti. Għalhekk, il-fatt li l-evidenza kienet inġabret ukoll mill-Kummissjoni matul spezzjonijiet f'każ differenti ma jwassalx għal ksur tad-drittijiet tad-difiża.

— Il-Partijiet Ewropej ġew infurmati bl-iskop preċiż tal-investigazzjoni fi stadju bikri tal-proċedimenti filwaqt li l-Partijiet Ġappuniżi ġew infurmati biss fin-notifika tad-DO.

F'dan ir-rigward ninnota li l-investigazzjoni, barra li ffukat fuq il-Ftehim Informali, oriġinalment kienet iffukat ukoll fuq ċerti prattiċi fl-UE li fihom il-Partijiet Ġappuniżi ma kienx allegat li pparteċipaw. Il-fatt li l-Partijiet Ewropej ġew informati bl-iskop ridott tal-investigazzjoni kontrihom ma jimplika ebda diskriminazzjoni u ċertament lanqas ma jammonta għal ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-Partijiet Ġappuniżi.

— Kuntrarju għall-prinċipju tat-trattament ugwali, xi dokumenti fil-fajl ġew murija lil applikant għall-klemenza qabel ma ġiet notifikata d-DO imma mhux lill-Partijiet l-oħra fil-proċedimenti.

Fl-opinjoni tiegħi is-servizz relevanti tal-Kummissjoni mhux projbit milli jiddiskuti ċerta informazzjoni mal-Partijiet matul il-fażi tal-investigazzjoni sabiex ikun jista' jifhem aħjar u biex jinvestiga aktar. Dan iseħħ partikolarment fil-każ tar-rispett tal-applikanti għall-klemenza. F'kwalunkwe każ, l-informazzjoni partikolari, sussegwentement saret aċċessibbli għall-Partijiet kollha matul il-proċedura tal-aċċess għall-fajl. Għalhekk, l-għoti tal-aċċess minn qabel ma jiksirx il-prinċipju tat-trattament ugwali jew id-drittijiet tad-difiża tal-Partijiet l-oħra.

— Parti minnhom qalet li qatt ma rċeviet irċevuta bil-miktub għas-sottomissjoni ta' klemenza, li sussegwentement ġiet rifjutata. Il-Parti qalet ukoll li s-servizz relevanti tal-Kummissjoni naqas milli jiddikjara b'mod ċar fl-ittra fejn irrifjuta l-klemenza, id-data li fiha għamel paragun bejn l-informazzjoni provduta u l-informazzjoni diġà disponibbli għall-Kummissjoni.

Skont in-Notifika ta' Klemenza [1] tal-2002, applikant għall-klemenza għandu jirċievi bil-miktub ittra li tikkonferma d-data ta' meta waslet l-applikazzjoni. Għalhekk, in-nuqqas ta' konferma tikkostitwixxi irregolarità fil-proċedura. Barra minn hekk, u partikolarment fin-nuqqas ta' tali irċevuta, inqis ukoll li hija irregolarità proċedurali li ma tiġix dikjarata b'mod ċar id-data tal-paragun fl-ittra għar-rifjut tal-klemenza. Minkejja kollox, u filwaqt li nħalli miftuħa l-kwistjoni jekk id-data tal-paragun jistax ikollha effett deċiżiv fuq l-istatus tal-klemenza tal-applikant, jien ma nqis li ebda wieħed minn dawn l-irregolaritajiet ma huma ta' karattru li jammontaw għal ksur tad-drittijiet tad-difiża.

## L-abbozz ta' Deċiżjoni

Fid-deċiżjoni abbozz tagħha, il-Kummissjoni essenzjalment iżżomm l-oġġezzjonijiet tagħha kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet għalkemm il-perjodu tal-ksur ġie mnaqqas b'mod konsiderevoli.

Fl-opinjoni tiegħi d-Deċiżjoni abbozz tittratta biss l-oġġezzjonijiet li fir-rispett tagħhom, il-Partijiet ngħataw l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom.

*Konklużjoni*

Fid-dawl tal-osservazzjonijiet li hawn hawn fuq, inqis li d-dritt tal-Partijiet kollha li jinstemgħu fil-proċedimenti ta' dan il-każ ġie rispettat.

Brussell, il- 5 ta' Ottubru 2009.

Michael ALBERS

---

[1] ĠU C 45, 19.2.2002, p. 3, il-punti 14 u 25.

**Taqsira tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni**

**tas-7 ta' Ottubru 2009**

**Dwar proċediment skont l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE**

**(Każ COMP/39.129 – Transformers tal-Elettriku)**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7601)*

**(il-verżjonijiet bl-Ingliż u bil-Franċiż biss huma awtentiċi)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 296/08)

*Fis-7 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar proċediment taħt l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([1]), il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluż kwalunkwe multa imposta, wara li kkunsidrat l-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni se tkun fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni fl-indirizz li ġej:*

*http://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/*

## 1. INTRODUZZJONI

(1) Id-Deċiżjoni hija indirizzata lil disa' entitajiet legali li jappartjenu lil seba' impriżi talli kisru l-Artikolu 81 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE. Mid-9 ta' Ġunju 1999 sal-15 ta' Mejju 2003 id-destinatarji pparteċipaw fi ksur wieħed u kontinwu, li jkopri t-territorju sħiħ taż-ŻEE (kif kostitwit matul il-perjodu tal-ksur) li jikkonsisti fi ftehim li bih huma qablu li jaqsmu s-suq permezz ta' Ftehim Informali (min issa 'l quddiem imsejjaħ il-"FI") bejn il-produtturi Ewropej u dawk Ġappuniżi tat-tranformers tal-elettriku biex jirrispettaw is-swieq domestiċi ta' xulxin u jevitaw mill-jbigħu fih.

## 2. DESKRIZZJONI TAL-KAŻ

### 2.1. IL-Proċedura

(2) Id-Deċiżjoni hija bażata fuq applikazzjonijiet ta' klemenza minn Siemens u Fuji, kooperazzjoni minn AREVA T&D u Hitachi, evidenza miġbura matul l-ispezzjonijiet kif ukoll tweġibiet għal għadd ta' talbiet ta' informazzjoni.

(3) Id-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet ġiet adottata fl-20 ta' Novembru 2008 u s-Smigħ Orali seħħ fis-17 ta' Frar 2009. Il-Kumitat ta' Konsulenza dwar Prattiċi Restrittivi u Pożizzjoni Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fit-18 ta' Settembru u fit-2 ta' Ottubru 2009 u l-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni fis-7 ta' Ottubru 2009.

### 2.2. Sommarju tal-ksur

(4) Il-każ jirrigwarda ksur tal-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE fis-settur tat-transformers tal-elettriku.

(5) Dan il-komportament anti-kompetittiv huwa relatat mat-transformers tal-elettriku, transformers tal-karozzi u shunt reactors b'firxa ta' vultaġġ ta' 380 kV u aktar. Transformer tal-elettriku huwa komponent ewlieni tal-elettriku li l-funzjoni tiegħu hija li jnaqqas jew iżżid il-vultaġġ fiċ-ċirkwit elettriku. It-transformers tal-elettriku jinbiegħu bħala tagħmir waħedhom jew inkella bħala turnkey power substations. Id-Deċiżjoni tkopri t-transformers kollha tal-elettriku, kemm jekk jinbiegħu waħedhom kif ukoll dawk inklużi fil-proġetti turnkey, imma teskludi t-transformers tal-elettriku mibjugħa bħala parti mis-Switchgear iżolati bis-gass bażati fis-sottostazzjonijiet li diġà kienu soġġetti għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2007 fil-Każ COMP/F/38.899 – Switchgear Iżolati bil-Gass

(6) Il-ksur dam mid-9 ta' Ġunju 1999 sal-15 ta' Mejju 2003. Il-partijiet li kienu qed jagħmlu l-ksur ikkonkludew ftehim bil-fomm li jkopri t-territorju sħiħ taż-ŻEE (kif kostitwit fiż-żmien tal-ksur) li fih qablu li jaqsmu s-suq permezz ta' Ftehim Informali bejn il-produtturi Ewropej u Ġappuniżi li jirrispettaw is-suq domestiku ta' xulxin u jevitaw mill-jbigħu fih.

(7) Għal dan il-għan il-partijiet organizzaw laqgħa jew tnejn kull sena. Il-laqgħat saru fl-Ewropa u fl-Asja, l-aktar f'Malaga, Singapore, Barċellona, Liżbona, Tokjo, Vjenna u Zurich biex jikkonfermaw mill-ġdid ir-rispett għall-ftehim. Kull membru fil-kartell ġie assenjat kodiċi sigriet. Għadd ta' dokumenti kontemporanji u dikjarazzjonijiet tal-kumpanija jikkonfermaw dawn il-fatti.

### 2.3. Destinatarji u dewmien

(8) Id-destinatarji ta' din id-Deċiżjoni huma ABB Ltd, AREVA T&D SA, ALSTOM (Société Anonyme), Siemens AG, Siemens Aktiengesellschaft Österreich, Fuji Electrics Holdings Co., Ltd, Hitachi Ltd, Hitachi Europe Ltd u Toshiba Corporation.

---

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

(9) Il-ksur dam għaddej, għad-destinatarji kollha barra Siemens Aktiengesellschaft Österreich, mid-9 ta' Ġunju 1999 sal-15 ta' Mejju 2003. Għal Siemens Aktiengesellschaft Österreich, il-perjodu huwa mid-29 ta' Mejju 2001 sal-15 ta' Mejju 2003.

### 2.4. **Rimedji**

(10) Id-Deċiżjoni tapplika l-Linji Gwida tal-2006 dwar il-Multi.

#### 2.4.1. *L-ammont bażiku tal-multa*

(11) L-ammont bażiku tal-multa ġie determinat bħala proporzjon tal-valur tal-bejgħ tat-transformers tal-elettriku magħmul minn kull impriża fiż-żona ġeografika rilevanti matul is-sena 2001 ("l-ammont varjabbli"), immultiplikat bl-għadd ta' snin li matulhom ikun seħħ il-ksur, kif ukoll ammont addizzjonali, ukoll ikkalkulat bħala proporzjon tal-valur tal-bejgħ, li hu maħsub li jkabbar l-element ta' deterrent fejn jidħlu l-ftehimiet orizzontali dwar arranġament ta' prezzijiet ("il-miżata tad-dħul").

(12) Meta wieħed jieħu kont tan-natura tal-ksur, is-sehem tas-suq kombinat tal-impriżi kollha konċernati, l-iskop ġeografiku tal-ksur u l-implimentazzjoni, kemm l-ammont varjabbli kif ukoll il-miżata tad-dħul ġew stabbiliti għal 16 %.

(13) Minħabba li l-ksur dam għaddej kważi erba' snin, l-ammont varjabbli ġie multipplikat b'4.

#### 2.4.2. *Aġġustamenti għall-ammont bażiku*

2.4.2.1. Ċirkostanzi aggravanti

(14) Ir-reċidività hija ċirkostanza aggravanti għal ABB Ltd (deċiżjoni oħra ta' kartell ġiet kunsidrata) li wasslet għal żieda fuq il-multa ta' 50 %.

2.4.2.2. Ċirkostanzi mitiganti

(15) Id-Deċiżjoni tikkonkludi wkoll li hemm ċirkostanzi eċċezzjonali preżenti f'dan il-każ li jiġġustifikaw l-għoti ta' tnaqqis lil Hitachi u AREVA T&D ta' 18 % fil-multa tagħhom għall-kooperazzjoni effettiva tagħhom barra min-Notifika ta' Klemenza tal-2002. Dan it-tnaqqis ma japplikax għal AREVA T&D's ex kumpanija prinċipali ta' ALSTOM.

#### 2.4.3. *Deterrent*

(16) Id-Deċiżjoni tqis il-bżonn li jiġi żgurat li l-multi jrid ikollhom effett ta' deterrent suffiċċjenti; għalhekk, il-multi imposti fuq Siemens u Hitachi qed jiġu multiplikati b'1,2 u l-multa għal Toshiba qed tiġi multiplikata b'1,1

#### 2.4.4. *L-applikazzjoni tal-Avviż ta' Klemenza tal-2002: tnaqqis ta' multi*

(17) Rigward l-applikazzjoni tan-Notifika ta' Klemenza tal-2002, Siemens qed tingħata immunità sħiħa mill-multi u l-multa għal Fuji qed titnaqqas b'40 %. L-applikazzjonijiet għall-klemenza minn ABB, AREVA T&D u Hitachi ġew miċħuda minħabba li ma kellhomx valur miżjud sinifikanti meta mqabbla mal-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fil-pussess tagħha.

## 3. **MULTI IMPOSTI MID-DEĊIŻJONI**

| | |
|---|---|
| (a) ABB Ltd: | EUR 33 750 000 |
| (b) ALSTOM (Société Anonyme): | EUR 16 500 000, li minnhom AREVA T&D SA hija responsabbli b'mod konġunt u in solidu għal EUR 13 530 000 |
| (c) Siemens AG: | EUR 0, li minnhom Siemens Aktiengesellschaft Österreich hija responsabbli b'mod konġunt u in solidu għal EUR 0 |
| (d) Fuji Electrics Holdings Co., Ltd: | EUR 1 734 000 |
| (e) Hitachi Ltd: | EUR 2 460 000, li minnhom Hitachi Europe Ltd hija responsabbli b'mod konġunt u in solidu għal EUR 2 460 000 |
| (f) Toshiba Corporation: | EUR 13 200 000 |

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni komunikata mill-Istati Membri rigward għajnuna mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 296/09)

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 231/09 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | Adeguamento al regolamento (CE) n. 800/2008 |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Friuli-Venezia Giulia<br>Mħallta |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Regione Autonoma Friuli Venezia Giulia — Direzione centrale attività produttive<br>Servizio Politiche economiche e marketing territoriale<br>Via Sabbadini 31<br>33100 Udine UD<br>ITALIA<br>politiche.economiche@regione.fvg.it<br>http://www.regione.fvg.it |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Incentivi alle PMI per l'adozione di misure di politica industriale che supportino progetti di sviluppo competitivo — aiuti alla formazione |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | DPReg 354 del 22.12.2008 (Regolamento concernente criteri e modalità per la concessione alle piccole e medie imprese di incentivi per l'adozione di misure di politica industriale che supportino progetti di sviluppo competitivo ai sensi del capo I della legge regionale 4 marzo 2005, n. 4), pubblicato sul bollettino ufficiale della Regione n. 53 del 31.12.2008. |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | Modifikazzjoni XT 64/05 |
| Tul | 1.1.2009-31.12.2013 |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna |
| Tip ta' benefiċjarju | SME |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | EUR 1,00 (f'miljuni) |
| Għal garanziji | — |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | — |

| Ghanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f' % |
|---|---|---|
| Taħriġ speċifiku (Art. 38(1)) | 35 % | 20 % |
| Taħriġ ġenerali (Art. 38(2)) | 70 % | 20 % |

Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna:

http://lexview-int.regione.fvg.it/FontiNormative/Regolamenti/D_P_REG_0354-2008.pdf

---

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 234/09 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Basilicata<br>Artikolu 87(3)(a) |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Regione Basilicata — Dipartimento Formazione Lavoro Cultura e Sport<br>Via V. Verrastro 8<br>85100 Potenza PZ<br>ITALIA<br>http://www.regione.basilicata.it |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Formazione e Competitività di Impresa |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Deliberazione Giunta Regionale n. 2127 del 29.12.2008 — Pubblicata sul Bollettino Ufficiale della regione Basilicata n. 3 del 26.1.2009 |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — |
| Tul | 26.1.2009-31.12.2013 |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna |
| Tip ta' benefiċjarju | SME<br>Impriża kbira |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | EUR 1,52 (f'miljuni) |
| Għal garanziji | — |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja diretta |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | Programma Operativo F.S.E. 2007-2013 — Regione Basilicata — 3,04 milioni di EUR |

| Ghanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f' % |
|---|---|---|
| Taħriġ speċifiku (Art. 38(1)) | 25 % | 20 % |
| Taħriġ ġenerali (Art. 38(2)) | 60 % | 20 % |

Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna:

http://www.regione.basilicata.it/dipformazione/default.cfm?fuseaction=dir&dir=2698&doc=&link=

---

| | | |
|---|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 236/09 | |
| Stat Membru | Spanja | |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — | |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Galicia<br>Artikolu 87(3)(a) | |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Xunta de Galicia. Consellería de Traballo<br>San Lázaro, s/n<br>15781 Santiago de Compostela<br>ESPAÑA<br>http://traballo.xunta.es/?set_language=es&cl=es | |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Programa de incentivos a la contratación indefinida de mujeres como medida para lograr un trabajo igualitario | |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Orden de 30 de diciembre de 2008 por la que se establecen las bases reguladoras del programa de incentivos a la contratación indefinida de mujeres como medida para lograr un mercado de trabajo igualitario cofinanciado por el fondo social europeo y se procede a su convocatoria para el año 2009 (DOG n.º 10 de 15 de enero de 2009) | |
| Tip ta' miżura | Skema | |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — | |
| Tul | 16.9.2008-15.9.2009 | |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | |
| Tip ta' benefiċjarju | SME<br>Impriża kbira | |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | EUR 4,20 (f'miljuni) | |
| Għal garanziji | — | |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja diretta | |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — | |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | Cofinanciado por el fondo social europeo en un porcentaje del 80 %, a través del programa operativo del fondo social europeo de Galicia 2007-2013, número CCI 2007 ES 051 PO004 aprobado por la decisión europea de 15 de septiembre del 2007 — 1,00 EUR (en millones) | |
| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f' % |
| Taħriġ ġenerali (Art. 38(2)) | 26 % | — |

Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna:

http://www.xunta.es/Doc/Dog2009.nsf/FichaContenido/1F86?OpenDocument

---

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 237/09 |
| Stat Membru | Spanja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Galicia<br>Artikolu 87(3)(a) |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Xunta de Galicia. Consellería de Traballo<br>San Lázaro, s/n<br>15781 Santiago de Compostela<br>ESPAÑA<br>http://traballo.xunta.es/?set_language=es&cl=es |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Programa de incentivos a la contratación por cuenta ajena como medida para favorecer la inserción de la juventud |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Orden de 30 de diciembre de 2008 por la que se establecen las bases reguladoras del programa de incentivos a la contratación por cuenta ajena como medida para favorecer la inserción de la juventud cofinanciado por el Fondo Social Europeo y se procede a su convocatoria para el año 2009 (DOG n.º 10 de 15 de enero de 2009) |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — |
| Tul | 16.9.2008-15.9.2009 |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna |
| Tip ta' benefiċjarju | SME<br>Impriża kbira |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | EUR 9,80 (f'miljuni) |
| Għal garanziji | — |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja diretta |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | Cofinanciado por el Fondo Social Europeo en un porcentaje del 80 %, a través del programa operativo del fondo social europeo de Galicia 2007-2013, número CCI 2007 ES 051 PO004 aprobado por la decisión europea de 15 de septiembre del 2007 — 1,00 EUR (en millones) |

| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f' % |
|---|---|---|
| Taħriġ ġenerali (Art. 38(2)) | 44,31 % | 44,31 % |

Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna:

http://www.xunta.es/Doc/Dog2009.nsf/FichaContenido/1F96?OpenDocument

---

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 238/09 |
| Stat Membru | Spanja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — |

| | |
|---|---|
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Galicia<br>Artikolu 87(3)(a) |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Xunta de Galicia Consellería de Traballo<br>San Lázaro, s/n<br>15781 Santiago de Compostela<br>ESPAÑA<br>http://traballo.xunta.es/?set_language=es&cl=es |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Programa de incentivos a la contratación indefinida de parados de larga duración, cofinanciado por el fondo social europeo |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Orden de 30 de diciembre de 2008 por la que se establecen las bases reguladoras del programa de incentivos a la contratación indefinida de parados de larga duración, cofinanciado por el Fondo Social Europeo y se procede a su convocatoria para el año 2009 (DOG n.º 11 de 16 de enero) |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — |
| Tul | 16.9.2008-15.9.2009 |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna |
| Tip ta' benefiċjarju | SME<br>Impriża kbira |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | EUR 9,25 (f'miljuni) |
| Għal garanziji | — |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja diretta |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | Cofinanciado por el Fondo Social Europeo en un porcentaje del 80 %, a traves del Programa Operativo del Fondo Social europeo de Galicia 2007-2013, número CCI 2007 ES 051 PO004 aprobado por la decisión europea de 15 de septiembre del 2007 — 1,00 EUR (en millones) |

| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f' % |
|---|---|---|
| Taħriġ ġenerali (Art. 38(2)) | 34,46 % | — |
| Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati fil-forma ta' sussidji ta' pagi (Art. 40) | 34,46 % | — |

Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna:

http://www.xunta.es/Doc/Dog2009.nsf/FichaContenido/2026?OpenDocument

# AVVIŻ TA' APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZJA GĦAT-TIFTIX GĦAŻ-ŻEJT U L-GASS BL-ISEM "BIANCAVILLA"

## IR-REPUBBLIKA TALJANA – IR-REĠJUN TA' SQALLIJA

MINISTERU REĠJONALI GĦALL-INDUSTRIJA – ID-DIPARTIMENT REĠJONALI GĦALL-INDUSTRIJA U GĦALL-MINJIERI

L-UFFIĊĊJU REĠJONALI GĦALL-IDROKARBURI U L-ENERĠIJA ĠEOTERMIKA (U.R.I.G.)

(2009/C 296/10)

Il-Kumpanija EniMed – Eni Mediterranea Idrocarburi S.p.A bl-uffiċċju rreġistrat f'Gela (CL) Strada Statale 117 bis – Contrada Ponte Olivo (kodiċi postali 93012), ITALIA – Kodiċi Fiskali 12300000150, ir-rappreżentanta unika, b'sehem ta' 50 %, u l-kumpanija Edison S.p.A. bl-uffiċċju rreġistrat f'Milan, Foro Buonaparte 31, (kodiċi postali 20121), ITALIA b'sehem ta' 50 %, fit-12 ta' Ġunju 2009 applikaw b'mod konġunt mal-Ministeru tal-Industrija, l-awtorità kompetenti għall-għoti ta' drittijiet ta' tħaffir fir-Reġjun ta' Sqallija, bl-uffiċċju rreġistrat f'Palermo, Via Ugo La Malfa 87/89 (kodiċi postali 90146), ITALIA u talbu li tingħatalhom, skont il-Liġi tar-Reġjun ta' Sqallija Nru 14 tat-3 ta' Lulju 2000, bi traspożizzjoni u applikazzjoni tad-Direttiva 94/22/KE, il-liċenzja għat-tiftix għaż-żejt u l-gass tradizzjonalment imsejħa "Biancavilla", f'żona ta' estensjoni ta' 7 400 ettari ($km^2$ 74 00) li tinsab fiċ-ċentru tal-Lvant ta' Sqallija fit-territorju tal-provinċji ta' Enna u Catania. Din iż-żona, fit-Tramuntana tagħha tmiss maż-żona tal-liċenzja "Paterno" (Edison 100 %) u fid-direzzjonijiet l-oħra tmiss ma' żoni mingħajr liċenzja.

Għall-provinċja ta' Enna l-Muniċipalitajiet involuti huma: Centuripe u Regalbuto. Għall-provinċja ta' Catania l-Muniċipalitajiet involuti huma: Adrano, Biancavilla, Santa Maria di Licodia u Regalna.

Il-perimetru taż-żona li dwarha saret it-talba għal liċenzja jifforma poligonu magħmul minn biċċiet ta' linji kontinwi bejn il-vertiċi "A", "B", "C", "D" u "E".

Dawn il-vertiċi huma definiti hekk:

A. Il-punt li jinsab fuq ix-xifer tax-xlokk tad-dar li tinsab f'altitudni ta' 457m, 420 metru fil-grigal ta' Contrada Grotte Rosse.

B. Il-punt li jinsab fuq ix-xifer tal-majjistral tad-dar li tinsab f'altitudni ta' 648m fil-Contrada Grotte Rosse

C. Il-punt li jinsab fuq ix-xifer tax-xlokk tad-dar li tinsab f'altitudni ta' 615m ta' C. Ingiulla, 400 metru fil-majjistral ta' Chiusa di Don Ascenzio.

D. Il-punt fejn jiltaqgħu t-toroq li jagħtu għal Villaggio S. Francesco fuq it-triq minn S. Maria Licodia sa Ragalna Ovest, li huwa identiku mal-punt "B" tal-liċenzja ta' "Paternò".

E. Il-punt li jinsab fil-kampnar tal-knisja ta' S. Maria della Croce f'Regalbuto, identiku għall-punt "A" tal-liċenzja ta' "Paternò".

### Koordinati ġeografiċi

| Vertiċi | Latitudni N | Lonġitudni E (M. Mario) |
|---|---|---|
| A | 37°41′37″,562 | 2°22′21″,065 |
| B | 37°40′45″,437 | 2°23′19″,485 |
| C | 37°39′07″,573 | 2°25′33″,957 |
| D | 37°37′51″,000 | 2°28′53″,000 |
| E | 37°38′57″,367 | 2°11′20″,230 |

Dawk kollha li huma interessati jistgħu jressqu l-applikazzjoni tagħhom għal liċenzja fl-istess żona fi żmien 90 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*; l-applikazzjonijiet li jaslu wara din l-iskadenza jiġu ddikjarati nulli. Id-Digriet li bih jingħata l-permess għat-tiftix jinħareġ fi żmien sitt xhur mill-aħħar data ammissibbli għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet minn entitajiet f'kompetizzjoni. B'referenza għall-Artikolu 5 (1) tad-Direttiva 94/22/KE, qed jiġi mgħarraf ukoll li l-kriterji li fuqhom jingħataw il-liċenzji għat-tiftix, il-liċenzji ta' riċerka u l-konċessjonijiet ta' produzzjoni diġà ġew ippubblikati fil-ħarġa tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea* Nru C 396 tad-19 ta' Diċembru 1998, b'referenza għad-dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġiżlattiv tal-President tar-Repubblika Nru 625 tal-25 ta' Novembru 1996 (ippubblikat fil-*Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana*, Nru 293, tal-14 ta' Diċembru 1996), li tittrasponi u timplimenta fl-ordinament ġuridiku Taljan id-Direttiva msemmija hawn fuq, u speċifikati mil-Liġi tar-Reġjun ta' Sqallija Nru 14, tat-3 ta' Lulju 2000, li diġà ssemmiet (ippubblikata fil-*Gazzetta Uffiċjali tar-Reġjun ta' Sqallija* Nru 32, tas-7 ta' Lulju 2000).

Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu mal-eżerċizzju jew il-waqfien tal-attività huma stabbiliti mil-Liġi tar-Reġjun ta' Sqallija Nru 14, tat-3 ta' Lulju 2000, li ssemmiet hawn fuq, kif ukoll mill-ispeċifikazzjonijiet standard (id-Disciplinare Tipo) bl-Atti Nru 91 u Nru 88 maħruġa fit-30 ta' Ottubru 2003 u fl-20 ta' Ottubru 2004 rispettivament, mid-Direttur Reġjonali għall-Industrija, u ppubblikati fil-*Gazzetta Uffiċjali tar-Reġjun ta' Sqallija* rispettivament fl-14 ta' Novembru 2003 l-Parti I Nru 49 u fil-5 ta' Novembru 2004 l-Parti I Nru 46.

Id-dokumentazzjoni tal-applikazzjoni hija disponibbli għand: l'Ufficio Regionale per gli Idrocarburi e la Geotermia del Dipartimento Regionale dell'Industria e delle Miniere, Via Ugo La Malfa 101 kodiċi postali 90146 Palermo PA, ITALIA, għall-użu ta' dawk interessati u li jixtiequ jarawha.

Palermo, it-23 ta' Ottubru 2009.

*L-Inġinier prinċipali*

Dr. Ing. Salvatore GIORLANDO

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI

### Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

### (Każ COMP/M.5659 – Daimler AG/IPIC/Brawn GP)

### Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 296/11)

1. Fis-26 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Daimler AG ("Daimler", il-Ġermanja) u Aabar Investments PJSC ("Aabar", l-Emirati Għarab Magħquda), sussidjarja li hi kontrollata biss minn International Petroleum Investment Company ("IPIC", l-Emirati Għarab Magħquda) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament, il-kontroll konġunt ta' Brawn GP ("Brawn", ir-Renju Unit) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Daimler: produttur ta' vetturi awtomobilistiċi u kummerċjali u ta' servizzi finanzjarji,

— għal IPIC: kumpanija ta' investiment speċjalizzata fuq l-irfinar taż-żejt u d-distribuzzjoni upstream u downstream u netwerks ta' servizz relatati,

— għal Brawn: tim tat-tlielaq tal-karozzi tal-Formula One.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5659 – Daimler AG/IPIC/Brawn GP, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

# RETTIFIKA

## Rettifika għall-Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 275 tal-14 ta' Novembru 2009)*

(2009/C 296/12)

Fuq il-qoxra fil-werrej u fit-titolu f'paġna 3:

*minflok:* "Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)";

*aqra:* "Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet".

## Rettifika għall-Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 275 tal-14 ta' Novembru 2009)*

(2009/C 296/13)

Fuq il-qoxra fil-werrej u fit-titolu f'paġna 7:

*minflok:* "Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)";

*aqra:* "Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet".

## Rettifika għall-Komunikazzjoni tal-Kummisjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 293 tat-2 ta' Diċembru 2009)*

(2009/C 296/14)

F'paġna 2, Referenza tal-istandard EN 55022:2006 ir-raba' kolonna:

*minflok:* "1.10.2009";

*aqra:* "1.10.2011".

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2009/C 296/09 Informazzjoni komunikata mill-Istati Membri rigward għajnuna mill-Istat mogħtija skont ir- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (1) 23

2009/C 296/10 Avviż ta' applikazzjoni għal liċenzja għat-tiftix għaż-żejt u l-gass bl-isem "Biancavilla" – Ir-Repubblika Taljana – Ir-Reġjun ta' Sqallija – Ministeru Reġjonali għall-Industrija – Id-Dipartiment Reġjonali għall-Industrija u għall-Minjieri – L-Uffiċċju Reġjonali għall-Idrokarburi u l-Enerġija Ġeotermika (U.R.I.G.) 28

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni**

2009/C 296/11 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5659 – Daimler AG/IPIC/Brawn GP) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1) . . . . . . . . . . 30

**Rettifika**

2009/C 296/12 Rettifika għall-Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet *(ĠU C 275 14.11.2009)* . . . . . . . . 31

2009/C 296/13 Rettifika għall-Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet *(ĠU C 275 14.11.2009)* . . . . . . . . 31

2009/C 296/14 Rettifika għall-Komunikazzjoni tal-Kummisjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom *(ĠU C 293 2.12.2009)* . . . . . . . . 31


MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-ħlas editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT